MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru. 173/2010

**Il-Pulizija**
**(Sp Dennis Theuma)**

**vs.**

**Lora Jane Xerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Lora Jane Xerri ta’ 27 sena bint Carmel u Speranza Grace nee’ Galea mwielda Pieta fis-27 ta’ Settembru 1982 u residenti 28 ‘Falsprit Apts’ Triq il-Mulett San Pawl il-Bahar, 519982 (M)

(a) Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fl-10 ta’ Frar 2009 u fis-snin ta’ qabel din id-data kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’

Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti  bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzata bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata,  il-fatt li kkoperat mal-pulizija u l-fedina penali taghha li mhix netta u diga tqeghdet that Probation Order ghal tliet snin li bdiet

tiddekorri minn Ottubru 2010. Ghalhekk ma jaghmilx sens li ti tpogga that Probation Order ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha ghal multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Lulju 2012. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------